MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1884/2003

**Mobisle Communications Limited**

**Vs**

**Edwina Trabelsi**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ Lm324.94c (tlett mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu) rappresentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 92536 in rigward ghal servizzi lilha rezi mis-socjeta’ attrici u dana fix-xhur bejn Novembru 2002 u Frar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-30 ta’ Gunju 2003, dawk tal-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta baqghet kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------